# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-11 ta' Jannar 2024**

**Talba nru. 230/2020**

**SAINT JAMES (CAPUA) HOSPITAL LTD. (C 14713)**

*VERSUS*

**STEPHEN DAVISON**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 t'Ottubru 2020 (a fol 1 et seq), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta´ elfejn u tmien mija u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2820.30) rappreżentanti servizzi mediċi u servizzi oħra konnessi u anċillari favur il-konvenut, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju 2019 bin-numru 1377/2019 u bl-imgħax legali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra illi l-konvenut ippreżenta r-risposta tiegħu fid-9 ta' Novembru 2020 (a fol. 8).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-18 t'Ottubru 2021, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 53).

Ra illi fit-22 ta' Ġunju 2022, il-konvenut għalaq il-provi tiegħu (a fol. 298).

Ra illi l-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fit-22 ta' Ġunju 2022 (a fol. 298) salv għat-traskrizzjoni tax-xhieda li nstemgħu b'mod telematiku u liema xhieda kienet ippreżentata fis-27 ta' Settembru 2022 (a fol. 312 *et seq*).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi l-konvenut kien irċieva trattament mediku mill-isptar imħaddem mis-soċjeta' attriċi bejn is-7 ta' Settembru 2018 u t-8 ta' Settembru 2018. Il-punt ta' diżgwit bejn il-partijiet hu jekk il-kunsens tal-konvenut kienx ivvizzjat meta aċċetta li jirċievi tali trattament mediku b'dan illi l-konvenut allega illi s-soċjeta' attriċi aġixxit in *mala fede*.

Kuntratt bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut

*Stante* illi l-konvenut iddeċieda hu minn jeddu illi jibqa' l-isptar Saint James għat-trattament mediku u iffirma l-*consent for treatment form* li tinsab a fol. 24, allura kien hemm kuntratt bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut u dan skond id-definizzjoni ta' kuntratt illi tinsab fl-Artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili.

Importanti jingħad f'dan l-istadju illi skond il-verbal datat 18 t'Ottubru 2021, "*id-difensuri tal-partijiet qed jaqblu li ma hemmx ħtiega ta' prova dwar l-awtentiċita' tad-dokumenti ppreżentati li jinsabu a fol. 23 sa fol. 35 tal-proċess odjern f'din it-talba.*"

B'dan illi allura l-konvenut hu obbligat illi jħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' elfejn u tmien mija u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2820.30) rappreżentanti servizzi mediċi u servizzi oħra konnessi u anċillari favur il-konvenut, u liema kopja tal-*invoice* tinsab a fol. 38 u 39.

Il-kuntratti jridu jkunu eżegwiti bil-bona fidi

Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi

"*Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.*"

Il-Kodiċi Ċivili ma jipprovdix definizzjoni ta' x'inhu bona fidi. Biss pero' fis-sentenza ***Pia Grech v Mondial Travel***, deċiża fis-7 ta' Novembru 2008,[1] l-Onorabbli Qorti rriteniet illi jrid isir test oġġettiv sabiex wieħed jistabbilixxi illi l-klawsoli fil-kuntratt kienu ġusti u ekwi bejn iż-żewġ partijiet, b'dan illli jfisser illi irid ikun applikabbli id-diliġenza tal-*bonus pater familias*. Interessanti huwa l-fatt illi l-avukat difensur tal-konvenut ittenta jsemmi d-definizzjoni ta'

[1] Ref.: 4/2008

konsumatur li kellha tkun addotata f'dan il-każ, b'dan illi s-sentenza hawnhekk ċitata titratta kuntratt ma' konsumatur.

F'dan il-każ, hu ċar illi s-soċjeta' attriċi applikat tali diliġenza b'attenzjoni kbira *stante* illi l-konvenut kien jaf mill-ewwel li ser iħallas għat-trattment mediku li kien ser jirċievi mill-istpar Saint James mill-mument li rifes ġewwa dan l-istpar u dan kif joħroġ mis-segwenti provi hawn taħt elenkati:

1. Il-konvenut iffirma l-*consent for treatment form* li tinsab a fol. 24 liberament mingħajr ħadd ma qabadlu idu:

2. Skond l-emails li pproduċa l-konvenut, il-konvenut kien ikkuntattja lis-soċjeta' tal-assigurazzjoni tiegħu sabiex iħallsu t-trattament li hu ħa ġewwa Saint James Hospital, hekk kif jidher a fol. 29 sa 39 u ukoll minn fol. 63 sa 82, fost oħrajn, u ħallas ukoll l-*excess* kif kien mitlub mit-tali soċjeta' tal-assigurazzjoni b'dan illi kieku verament kien jemmen li l-kunsens tiegħu kien b'xi mod ivvizzjat żgur li ma kienx iħallas tali *excess* iżda kien mill-ewwel iqajjem tali argument;

3. Skond l-affidavit tal-konvenut datat 18 ta' Marzu 2022 u li jinsab a fol. 124 sa 128, il-konvenut qal illi "*Somebody else from the hospital came to see us to get our insurance details. They didn't want our European Health Insurance Cards. They said that they would admit me to the hospital, and therefore treat me, if I had insurance in place*." Fil-fatt, anke martu Marie Davison, qalet fl-affidavit tagħha datat 18 ta' Marzu 2022 u li jinsab a fol. 130 sa 132 illi "*We weren't aware, initially, that the hospital that Stephen had been admitted to was a private hospital, although that became apparent such was the importance placed upon obtaining our insurance details*" u kompliet tgħid illi qabel ma pprovdew id-dettalji tal-assigurazzjoni, is-soċjeta' attriċi ma bdietx it-trattament mediku. B'dan juri wkoll illi l-konvenut kien jaf ben sewwa illi ser ikun qed iħallas għat-trattament mediku u li tali sptar kien sptar privat:

4. Fil-kontro-eżami tal-konvenut li seħħ fid-19 ta' Lulju 2022, a fol. 316, il-konvenut qal illi kien jaf li ser ikollu jħallas għal dan it-trattament mediku peress illi qal is-segwenti:

"*Dr. Alessandro Lia: Okay, so at that point, if I am understanding correctly, you understood that this was going to be against payment, but you said, listen, I have my travel insurance, so well be it. Is that correct?*
*Stephen Davison: Correct, yeah.*"

Ukoll, fil-kontro-eżami ta' Marie Loraine Davison, il-mara tal-konvenut xehdet fid-19 ta' Lulju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 321 is-segwenti:

"*Dr. Alessandro Lia: So you understood that it was against payment?*

*M.L.Davison: Yes, that was why they asked for the insurance.*"

5. Il-konvenut kien ben konsapevoli li kien ser iħallas għal dan it-trattament mediku u xorta waħda għażel li jibqa' fl-isptar Saint James, hekk skond ix-xhieda in kontro-eżami ta' Jonathan H Phillips, illi hu rappreżentant tas-soċjeta' tal-assigurazzjoni tal-konvenut, fejn fit-tali kontro-eżami fid-19 ta' Lulju 2022, hu xehed is-segwenti u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 334:

"*Dr. Ruth Ellul: One question from my end. Mr Phillips, you said that you had advised the customers – Mr Davison and Ms Barker – to request a discharge and go to Mater Dei instead. Can you confirm when you provided that instruction? Was it when they were at St. James?*
*J H Phillips: Again I recall well that both those logs were the initial calls, from the customers to our emergency assistance facilities while they were at St James Hospital.*"

Tali bona fidi trid tkun ukoll interpretata flimkien mal-artikoli tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw il-kunsens tal-partijiet fil-kuntratt, b'referenza kemm għall-frodi u kemm għall-vjolenza, speċjalment peress illi l-konvenut għamel referenza fir-rispota tiegħu li hu kien f'pożizzjoni vulnerabbli.

Kunsens ivvizzjat bi frodi

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta` Marzu, 2003, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Aquilina et v. Alfred Ellul***, hemm elenkati l-erba' elementi li huma mehtiega li jikkonkorru sabiex il-qerq jivvizzja l-kunsens:

"*(a) l-intenzjoni li jqarraq da parti tal-parti l-ohra;*
*(b) l-ghemil doluz irid ikun gravi;*
*(c) id-dolo trid tkun determinanti biex gie iffirmat il-kuntratt; u*
*(d) id-dolo irid ikun sehh bil-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-ohra.*"

Inoltre, il-Qorti kemm fl-istess sentenza u kemm ukoll fis-sentenza ***Maria Francesca Stevens v. Caroline Gatt***[2] qalet illi "*l-frodi jrid dejjem jigi ppruvat, bi kwalunkwè mezz Ii tippermetti l-ligi, izda dik il-prova trid tirrizulta b'mod car u cert u ma tistax tigi prezunta.*"

Għaldaqstant, *stante* illi kif ingħad hawn fuq, kemm il-konvenut kif ukoll martu xehdu in kontro-eżami illi kienu jafu mill-ewwel li t-trattament mediku ser ikun bil-ħlas, tali kunsens tal-konvenut ma setax kien ivvizzjat bi frodi.

[2] 31 ta' Jannar 2018, Qorti tal-Appel, Ref.: 481/2013

Kunsens ivvizzjat bi vjolenza

Artikolu 977 tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi jekk il-kunsens jittieħed bil-vjolenza allura tali kuntratt bejn il-partijiet għandu jitqies null u bla effett. Biss pero' Artikolu 978 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi meta titqies li hemm vjolenza b'dan illi tali Artikolu jgħid illi

*"978. (1) Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.*

*(2) F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna."*

Jista' jkun hemm ukoll vjolenza morali, biss pero' l-Qrati tagħna kellhom l-opportunita' illi jfissru meta tali vjolenza tista' twassal għan-nullita' tal-kuntratt bejn il-partijiet. L-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Camilleri v. Vella***, deċiża fid-9 ta' Ġunju 2003, spjegat illi

*"l-istat ta' anzjeta' u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, għax fin-nuqqas ta' prova ta' theddida ta' vjolenza fiżika impellenti, darba li jirriżulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jagħmel, il-kuntratt m'għandux jitħassar."*

B'dan allura f'dan il-każ, hekk kif jidher mix-xhieda tal-istess konvenut, martu u anke ta' Jonathan H Phillips, jidher lampanti li l-kunsens tal-konvenut ma kienx ivvizzjat bi vjolenza *stante* illi l-konvenut kien jaf x'inhu jagħmel u volontarjament baqa' l-isptar Saint James għall-kura medika neċessarja.

Kuntratt bejn is-soċjeta' tal-assigurazzjoni u l-konvenut

Il-fatt illi jidher illi kien hemm diżgwit bejn is-soċjeta' tal-assiguarazzjoni u l-konvenut m'għandux iwassal sabiex il-konvenut ma jħallasx dak li hu dovut lis-soċjeta' attriċi għaliex il-ftehim bejn is-soċjeta' tal-assigurazzjoni u l-konvenut mhuwiex mertu ta' din il-kawża u tali diżgwit m'għandux tbatih is-soċjeta' attriċi.

Tant hu hekk illi l-kopja tat-*travel insurance* ippreżentati minn Jonathan Hugh Phillips juru b'mod l-aktar ċar illi din tgħajjat lill-konvenut u bl-ebda mod lis-soċjeta attriċi (a fol. 133 *et seq*). Anke fl-affidavit tal-istess Jonathan Hugh Phillips, hu stqarr illi "*Mr Davison purchased*" (a fol. 133) u li allura turi li l-konvenut kien f'kuntratt mas-soċjeta' tal-assigurazzjoni biss. Ukoll, dan it-Tribunal innota dak li qal Jonathan Hugh Phillips, illi hu rappreżentant tas-soċjeta' tal-assigurazzjoni, meta xehed fit-3 t'Awwissu 2022, u liema parti mix-xhieda tal-kontro-eżami tinsab a fol. 363 is-segwenti:

*"Dr. Kirk Brincau: Just a clarification on re-examination. So Ms Barker and Mr Davison were compensated for certain sums, but there was contestation for the invoices directly with St James? Could*

*you clarify?*
*J H Phillips: Correct."*

Jidher illi s-soċjeta' tal-assigurazzjoni iddeċidiet hi li ma tkoprix dan it-trattament mediku li ħa l-konvenut mis-soċjeta' attriċi sempliċiment għax japplikaw diskrezzjoni min-naħa tagħhom. Fil-fatt fil-kontro-eżami tiegħu, Jonathan H Phillips jgħid a fol. 328 illi "*there is a discretion, as always, for both the underwriters and the agents of the insurance to take a sensible and reasonable decision in the interpretation of the policy wording and any exceptions that might apply*." Ukoll, a fol. 331, Jonathan H Phillips qal illi "*the excess is paid as part of the claim*." Fit-talba 547/2018, fl-ismijiet Saint James (Capua) Hospital Ltd. v. Lynda Barker, hemm ukoll spjegazzjoni ċara kif u meta is-soċjeta tal-assigurazzjoni bidlet fehmta milli tonora l-ftehim tagħha mal-konvenut.

Biss pero', kif dan it-Tribunal diġa' qal, tali kuntratt tal-assigurazzjoni u biss bejn is-soċjeta' tal-assigurazzjoni u l-konvenut u s-soċjeta' attriċi ma hi bl-ebda mod parti minn tali ftehim.

<u>Dwar il-ħlas mediku</u>

Fir-risposta tiegħu, il-konvenut ittenta jgħid illi l-ħlas pretiż mis-soċjeta' attriċi hu abbużiv u altament esaġerat u jinkludi wkoll pagament għal servizzi mhux provduti.

L-ewwelnett, dan it-Tribunal irid jiċċara illi hu ma hux f'pożizzjoni illi jiddeċiedi x'kien it-trattament illi l-konvenut kellu bżonn.

Inoltre', dan it-Tribunal jgħid illi hawn suq ħieles u allura dan it-Tribunal qatt ma jista' jiddeċiedi hu jekk ammont mitlub huwiex esaġerat jew le.

Ukoll, il-konvenut ma ġab ebda prova li turi li kien hemm xi servizz li ma kienx provdut lilu u liema servizzi huma elenkati fl-*invoice* li tinsab a fol. 38 u 39. F'email minnhom, liema kopja ta' tali email tinsab a fol. 85, il-konvenut ittenta jgħid lis-soċjeta' attriċi illi hemm xi spejjeż miżjuda biss pero' qatt ma ġie indikat liema huma. Anke meta rrefera għat-tabib, jidher ċar mill-proċess li tabib verament rah u ma tagħmel ebda differenza kinitx telefonata jew personalment ġjaladarba, il-konvenut verament ikkonsulta tabib. Inoltre' tali email ma tikkorrobora xejn l-affidavit tal-konvenut fejn il-konvenut qal illi l-ewwel invoice hi dik ta' elfejn u tmien mija u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2820.30) (a fol. 128).

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ammont ta´ elfejn u tmien mija u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2820.30) rappreżentanti servizzi mediċi u servizzi oħra konnessi u anċillari favur il-konvenut, bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju 2019 bin-numru 1377/2019 u bl-imgħax legali mid-data

tal-imsemmija ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur